

Anness III

Sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott, tikkettar u fuljett ta' tagħrif

Nota:

Dan is-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott, tikkettar u fuljett ta' tagħrif huwa r-riżultat tal-proċedura ta' riferiment li għandha x'taqsam magħha din id-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

L-informazzjoni dwar il-prodott tista' tiġi aġġornata sussegwentament mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, b'kollaborazzjoni mal-Istat Membru ta' Riferenza, kif xieraq, skont il-proċedura stabbilita fil-Kapitolu 4 tat-Titlu III tad-Direttiva 2001/83/KE.

**SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT,
TIKKETTAR U FULJETT TA' TAGĦRIF**

SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT

1. ISEM IL-PRODOTT MEDIĊINALI

NASONEX u ismijiet assoċjati qawwa għamla farmaċewtika
[Ara Anness I- Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Mometasone furoate (bħala l-monohydrate) 50 mikrogramma/attwazzjoni.

Eċċipjent b'effett magħruf:

Dan il-prodott mediċinali fihi 0.02 mg ta' benzalkonium chloride f'kull attwazzjoni.
Għal-lista kompluta ta' eċċipjenti, ara sezzjoni 6.1.

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Sprej tal-Imnieħer, Suspensjoni.
Suspensjoni opaka minn bajda sa ofwajt.

4. TAGĦRIF KLINIKU

4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

L-Isprej tal-Imnieħer NASONEX hu indikat għall-użu fl-adulti u t-tfal li għandhom 3 snin u aktar biex jittatta s-sintomi ta' rinite allerġika tal-istaġun jew rinite ta' matul is-sena kollha.

L-Isprej tal-Imnieħer NASONEX hu indikat għat-trattament ta' polipi tal-imnieħer f'adulti li għandhom 18-il sena u aktar.

4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

Wara l-ipprijmar tal-pompa tal-Isprej tal-Imnieħer NASONEX għall-ewwel darba, kull attwazzjoni tagħti madwar 100 mg ta' suspensjoni ta' mometasone furoate, li fiha mometasone furoate monohydrate ekwivalenti għal 50 mikrogramma mometasone furoate.

Pożoloġija

Rinite Allerġika tal-Istaġun jew Rinite ta' Matul is-Sena Kollha

Adulti (inkluż pazjenti akbar fl-età) u tfal ta' 12-il sena u aktar: Id-doża rrakkomandata s-soltu hija żewġ attwazzjonijiet (50 mikrogramma/attwazzjoni) f'kull minfes darba kuljum (doża totali 200 mikrogramma). Ladarba s-sintomi jkunu kkontrollati, tnaqqis fid-doża għal attwazzjoni waħda f'kull minfes (doża totali 100 mikrogramma) jista' jkun effettiv għat-tnaqqis tat-trattament. Jekk is-sintomi ma jkunux ikkontrollati b'mod adegwat, id-doża tista' tiżdied sa doża massima ta' kuljum ta' erba' attwazzjonijiet f'kull minfes darba kuljum (doża totali 400 mikrogramma). Huwa rrakkomandat tnaqqis fid-doża wara li jinkiseb kontroll tas-sintomi.

Tfal bejn l-etajiet ta' 3 snin u 11-il sena: Id-doża rrakkomandata s-soltu hija attwazzjoni waħda (50 mikrogramma/attwazzjoni) f'kull minfes darba kuljum (doża totali 100 mikrogramma).

F'xi pazjenti b'rinite allerġika tal-istaġun l-Isprej tal-Imnieħer NASONEX wera bidu ta' azzjoni sinifikanti b'mod kliniku fi żmien 12-il siegħa wara l-ewwel doża; madankollu, l-benefiċċju sħiħ tat-trattament jista' ma jinkisibx fl-ewwel 48 siegħa. Għalhekk, il-pazjent għandu jkompli l-użu regolari biex jikseb il-benefiċċju terapewtiku sħiħ.

Jista' jkun meħtieġ li trattament bl-Isprej tal-Imnieħer NASONEX tinbeda xi jiem qabel ma jkun mistenni

li jibda l-istaġun tal-polline f'pazjenti li għandhom storja ta' sintomi minn moderati sa qawwija ta' rinite allerġika tal-istaġun.

Polipozi tal-Imnieħer

Id-doża tal-bidu rakkomandata s-soltu għall-polipozi hija ta' żewġ attwazzjonijiet (50 mikrogramma/attwazzjoni) f'kull minfes darba kuljum (doża totali ta' 200 mikrogramma kuljum). Jekk wara 5 sa 6 ġimgħat is-sintomi ma jkunux ikkontrollati b'mod adegwat, id-doża tista' tiżdied għal doża kuljum ta' żewġ sprejjaturi f'kull minfes darbtejn kuljum (doża totali ta' 400 mikrogramma kuljum). Id-doża għandha titnaqqas bil-mod sal-inqas doża li biha jibqa' jkun hemm kontroll effettiv tas-sintomi. Jekk ma jidher l-ebda titjib fis-sintomi wara 5 sa 6 ġimgħat ta' għoti darbtejn kuljum, il-pazjent għandu jiġi evalwat mill-ġdid u l-istrateġija tat-trattament għandha titqies mill-ġdid.

L-istudji ta' Effikaċja u Sigurtà tal-Isprej tal-Imnieħer NASONEX għat-trattament ta' polipozi tal-imnieħer damu għaddejjin erba' xhur.

Popolazzjoni pedjatrika

Rinite Allerġika tal-Istaġun jew Rinite ta' Matul is-Sena Kollha

Is-sigurtà u l-effikaċja tal-Isprej tal-Imnieħer NASONEX fit-tfal taħt l-età ta' 3 snin ma ġewx determinati.

Polipozi tal-Imnieħer

Is-sigurtà u l-effikaċja tal-Isprej tal-Imnieħer NASONEX fit-tfal u adolexxenti taħt it-18-il sena ma ġewx determinati.

Metodu ta' kif għandu jingħata

Qabel l-għoti tal-ewwel doża, ħawwad il-kontenitur sewwa u attwa l-pompa 10 darbiet (sakemm jinkiseb sprej uniformi). Jekk il-pompa ma tintużax għal 14-il jum jew aktar, ipprajmja l-pompa mill-ġdid b'2 attwazzjonijiet sakemm jiġi osservat sprej uniformi, qabel terġa' tużaha.

Ħawwad il-kontenitur sewwa qabel kull darba li tużah. Il-flixkun għandu jintrema wara n-numru ta' attwazzjonijiet fuq it-tikketta jew fi żmien xahrejn minn meta jinfetħ l-ewwel darba.

4.3 Kontraindikazzjonijiet

Sensittività eċċessiva għas-sustanza attiva, mometasone furoate, jew għal kwalunkwe wieħed mill-eċċipjenti elenkati fis-sezzjoni 6.1.

L-Isprej tal-Imnieħer NASONEX m'għandux jintuża fil-preżenza ta' infezzjoni lokali mhux ittrattata li tinvolvi l-mukwi tal-imnieħer, bħal herpes simplex.

Minħabba l-effett inibitorju tal-kortikosteroidi fuq il-fejqan ta' feriti, pazjenti li dan l-aħħar kellhom operazzjoni fl-imnieħer jew ħsara fit-tessuti tal-imnieħer m'għandhomx jużaw kortikosteroidi fl-imnieħer sakemm ikun hemm il-fejqan.

4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu

Immunosoppressjoni

L-Isprej tal-Imnieħer NASONEX għandu jintuża b'kawtela, jew m'għandux jintuża, f'pazjenti b'infezzjonijiet tubercolari attivi jew mhux attivi tal-passaġġ respiratorju, jew f'infezzjonijiet mhux ittrattati tal-fungu, tal-batterji jew sistemiċi tal-vajrusi.

Il-pazjenti li jkunu qed jirċievu kortikosteroidi li għandhom possibbiltà jkunu immunosoppressi għandhom jiġu mwissija dwar ir-riskju ta' esponiment għal ċerti infezzjonijiet (eż., ġidri r-riħ, ħosba) u l-importanza li jinkiseb parir mediku jekk iseħħ esponiment bħal dan.

Effetti Lokali fl-Imnieħer

Wara 12-il xahar ta' trattament bl-Isprej tal-Imnieħer NASONEX fi studju ta' pazjenti b'rinite ta' matul is-sena kollha, ma kien hemm l-ebda evidenza ta' atrofiya tal-mukuża tal-imnieħer; ukoll, mometasone furoate kellu tendenza li jreġġa' lura l-mukuża tal-imnieħer biex tiġi eqreb għall-fenotip istoloġiku normali. Madankollu, il-pazjenti li jkunu qed jużaw l-Isprej tal-Imnieħer NASONEX għal perjodu ta' ħafna xhur jew aktar għandhom jiġu eżaminati kull tant żmien għal bidliet li jista' jkun hemm fil-mukuża tal-imnieħer. Jekk tiżviluppa infezzjoni lokali bil-fungu fl-imnieħer u l-farinġi, jista' jkun meħtieġ it-twaqqif tat-terapija bl-Isprej tal-Imnieħer NASONEX jew trattament xieraq. Il-persistenza ta' irritazzjoni tal-imnieħer u l-farinġi tista' tkun indikazzjoni biex wieħed iwaqqaf l-Isprej tal-Imnieħer NASONEX.

Nasonex mhuwiex irrakkomandat f'każ li jkun hemm perforazzjoni fis-septum tal-imnieħer (ara sezzjoni 4.8).

Fi studji kliniċi, epistassi seħħet b'inċidenza ogħla meta mqabbla ma' plaċebo. L-epistassi ġeneralment waqfet waħedha u kienet ħafifa fil-qawwa tagħha (ara sezzjoni 4.8).

L-Isprej tal-Imnieħer NASONEX fih benzalkonium chloride li jista' jikkawża irritazzjoni fl-imnieħer.

Effetti Sistemiċi tal-Kortikosteroidi

Jistgħu jseħħu effetti sistemiċi bil-kortikosteroidi mill-imnieħer, b'mod partikolari b'dożi għoljin ordnati għal-perjodi twal ta' żmien. Dawn l-effetti għandhom probabbiltà ħafna inqas li jseħħu milli bil-kortikosteroidi mill-ħalq u jistgħu jvarjaw bejn il-pazjenti individwali u bejn il-preparazzjonijiet ta' kortikosteroidi differenti. Effetti sistemiċi possibbli jistgħu jinkludu s-sindrome ta' Cushing, fattizzi Cushingoid, soppressjoni tal-glandoli adrenali, it-tfal u l-adolexxenti jibqgħu lura fl-iżvilupp fiżiku, katarretti, glawkoma u b'mod aktar rari, firxa ta' effetti fiżjoloġiċi jew ta' komportament inkluż attivita' psikomotorja eċċessiva, disturbi fl-irqad, ansjetà, depressjoni jew aggressjoni (b'mod partikolari fit-tfal).

Wara l-użu ta' kortikosteroidi ġol-imnieħer, kienu rrapportati każijiet ta' żieda fil-pressjoni ta' ġol-għajjn (ara sezzjoni 4.8).

Ma hemm l-ebda xhieda ta' soppressjoni tal-assi tal-ipotalamu, tal-glandola pitwitarja u tal-glandoli adrenali (HPA - *hypothalamic-pituitary-adrenal*) wara trattament fit-tul bl-Isprej tal-Imnieħer NASONEX. Madankollu, pazjenti li jiġu ttrasferiti minn għoti għal perjodu twil ta' żmien ta' kortikosteroidi attivi b'mod sistemiku għall-Isprej tal-Imnieħer NASONEX jeħtieġu attenzjoni bir-reqqa. Il-waqfien tal-kortikosteroid sistemiku f'pazjenti bħal dawn jista' jwassal għal insuffiċjenza tal-glandoli adrenali għal numru ta' xhur sakemm ikun hemm irkupru fil-funzjoni tal-assi HPA. Jekk dawn il-pazjenti, minkejja s-serħan mis-sintomi tal-imnieħer, juru sinjali u sintomi ta' insuffiċjenza tal-glandoli adrenali jew sintomi ta' waqfien mit-trattament (eż., uġiġħ fil-ġogi u/jew fil-muskoli, telqa, u depressjoni fil-bidu) l-għoti tal-kortikosteroid sistemiku għandu jitkompla u għandhom jinbdew metodi oħra ta' terapija u miżuri xierqa. Trasferiment bħal dan jista' wkoll jikxef kundizzjonijiet allerġiċi li diġà jeżistu, bħal ma huma konjuntivite allerġika u ekżema, li qabel ikunu qed jiġu soppressi mit-terapija sistemika ta' kortikosteroidi.

Trattament b'dożi akbar minn daww irrakkomandati jistgħu jwasslu għal soppressjoni sinifikanti b'mod kliniku tal-glandoli adrenali. Jekk ikun hemm xhieda għal użu ta' dożi aktar minn daww irrakkomandati, imbagħad għandu jitqies ilqugħ addizzjonali b'kortikosteroid sistemiku waqt perjodi ta' stress jew ta' kirurġija elettiva.

Polipi fl-Imnieħer

Is-sigurtà u l-effikaċja tal-Isprej tal-Imnieħer NASONEX ma ġewx studjati għall-użu fit-trattament ta' polipi unilaterali, polipi assoċjati ma' fibrożi ċistika, jew polipi li jagħlqu kompletament il-kavitajiet tal-imnieħer.

Polipi unilaterali li għandhom dehra mhux tas-soltu jew irregolari, speċjalment jekk ikunu bl-ulċeri jew ħiereġ minnhom id-dem, għandhom ikomplu jiġu stmati aktar.

Effett fuq l-Iżvilupp Fiżiku fil-Popolazzjoni Pedjatrika

Huwa rakkomandat li t-tul tat-tfal li jkunu qed jirċievu trattament għal tul ta' żmien b'kortikosteroidi mill-imnieħer jiġi mmonitorjat b'mod regolari. Jekk l-iżvilupp fiżiku jkun aktar bil-mod, it-terapija għandha tiġi riveduta bl-iskop li, jekk inhu possibbli, titnaqqas id-doża tal-kortikosteroid tal-imnieħer sal-iktar doża baxxa li biha jkompli l-kontroll b'mod effettiv tas-sintomi. Barra dan, għandu jitqies li l-pazjent jiġi rreferut għand speċjalista tat-tfal.

Sintomi mhux tal-Imnieħer

Għalkemm l-Isprej tal-Imnieħer NASONEX se jikkontrolla s-sintomi fl-imnieħer fil-biċċa l-kbira tal-pazjenti, l-użu ta' terapija addizzjonali xierqa flimkien miegħu tista' tipprovdri serħan addizzjonali ta' sintomi oħra, b'mod partikolari sintomi fl-għajnejn.

4.5 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra u forom oħra ta' interazzjoni

(Ara 4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu b'kortikosteroidi sistemiċi)

Studju kliniku ta' interazzjoni sar b'loratadine. Ma kienu osservati l-ebda interazzjonijiet.

4.6 Fertilità, tqala u treddigħ

Tqala

M'hemmx dejta jew hemm dejta limitata dwar l-użu ta' mometasone furoate f'nisa tqal. Studji f'annimali urew effett tossiku fuq is-sistema riproduttiva (ara sezzjoni 5.3). Bħal fil-każ ta' preparazzjonijiet oħra ta' kortikosteroidi mill-imnieħer, l-Isprej tal-Imnieħer NASONEX m'għandux jintuża fit-tqala sakemm il-benefiċċju li jista' jkun hemm għall-omm ma jiġġustifikax ir-riskju possibbli għall-omm, għall-fetu jew għat-tarbija. Trabi li twieldu minn ommijiet li rċievu kortikosteroidi waqt it-tqala għandhom jiġu osservati b'attenzjoni għal ipoadrenalizmu.

Treddigħ

Mhux magħruf jekk mometasone furoate jiġix eliminat mill-ħalib tas-sider tal-bniedem. Bħal fil-każ ta' preparazzjonijiet oħra ta' kortikosteroidi mill-imnieħer, għandha tittieħed deċiżjoni jekk il-mara twaqqafx it-treddigħ jew twaqqafx it-trattament bl-Isprej tal-Imnieħer NASONEX, wara li jiġi kkunsidrat il-benefiċċju ta' treddigħ għat-tarbija u l-benefiċċju tat-trattament għall-mara.

Fertilità

Ma hemm l-ebda dejta dwar l-effett ta' mometasone furoate fuq il-fertilità. Studji fl-annimali urew effett tossiku fuq is-sistema riproduttiva iżda mhux fuq il-fertilità (ara sezzjoni 5.3).

4.7 Effetti fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni

L-ebda effetti ma huma magħrufa.

4.8 Effetti mhux mixtieqa

Sommarju tal-profil ta' sigurtà

L-epistassi ġeneralment għaddiet waħedha u kienet ħafifa fil-qawwa tagħha, u seħħet b'inċidenza ogħla meta mqabbla mal-plaċebo (5%), iżda b'inċidenza komparabbli jew b'inċidenza inqas meta mqabbla mal-kontroll attiv ta' kortikosteroidi mill-imnieħer li ġew studjati (sa 15%) kif ġie rrapportat fl-istudji kliniċi għal rinrite allerġika. L-inċidenza tal-effetti avversi l-oħra kollha kienet komparabbli ma' dik tal-plaċebo. F'pazjenti ttrattati għal polipozi fl-imnieħer, l-inċidenza globali ta' każijiet avversi kienet tixbah lil dik osservata f'pazjenti b'rinrite allerġika.

Jistgħu jseħħu effetti sistemiċi ta' kortikosteroidi tal-imnieħer, b'mod partikolari meta jiġu ordnati b'dożi qawwija għal perjodi twal ta' żmien.

Lista ta' reazzjonijiet avversi miġbura f'tabella

Reazzjonijiet avversi marbuta mat-trattament ($\geq 1\%$) irrappurtati fi provi kliniċi f'pazjenti b'rinrite allerġika

jew polipożi fl-imnieħer u wara t-tqegħid fis-suq irrispettivament mill-indikazzjoni huma ppreżentati f'Tabella 1. Ir-reazzjonijiet avversi huma elenkati skont il-klassi primarja tas-sistemi u tal-organi MedDRA. F'kull klassi tas-sistemi u tal-organi, ir-reazzjonijiet avversi huma kklassifikati skont il-frekwenza. Il-frekwenzi huma ddefiniti kif ġej: Komuni ħafna ($\geq 1/10$); komuni ($\geq 1/100$ sa $< 1/10$); mhux komuni ($\geq 1/1,000$ sa $< 1/100$). Il-frekwenza tal-każijiet avversi wara t-tqegħid fis-suq hija meqjusa bħala “mhux magħrufa” (ma tistax tittieħed stima mid-dejta disponibbli).

Tabella 1: Reazzjonijiet avversi rrappurtati marbuta mat-trattament skont il-klassi tas-sistemi u tal-organi u l-frekwenza			
	Komuni ħafna	Komuni	Mhux magħrufa
Infezzjonijiet u infestazzjonijiet		Farinġite Infezzjoni fil-parti ta' fuq tal-apparat tan-nifs [†]	
Disturbi fis-sistema immuni			Sensittività eċċessiva inkluż reazzjonijiet anafilattiċi, anġjoedima, bronkospażmu, u qtugħ ta' nifs
Disturbi fis-sistema nervuża		Ugħi ta' ras	
Disturbi fl-għajnejn			Glawkoma Żieda fil-pressure intraokulari Katarretti
Disturbi respiratorji, toraċiċi u medjastinali	Epistassi*	Epistassi Ħruq fl-imnieħer Irritazzjoni fl-imnieħer Ulċeri fl-imnieħer	Titqib tas-septum tal-imnieħer
Disturbi gastrointestinali		Irritazzjoni fil-gerżuma*	Disturbi fit-togħma u fix-xamm

*iddokumentata għal għoti ta' doża ta' darbtejn kuljum għal polipożi fl-imnieħer

[†]iddokumentata bi frekwenza mhux komuni għal għoti ta' doża ta' darbtejn kuljum għal polipożi fl-imnieħer

Popolazzjoni pedjatrika

Fil-popolazzjoni pedjatrika, l-inċidenza ta' każijiet avversi ddokumentati fi studji kliniċi, eż., epistassi (6%), ugħi ta' ras (3%), irritazzjoni fl-imnieħer (2%) u għatis (2%) kienet kumparabbli mal-plaċebo.

Rappurtar ta' reazzjonijiet avversi suspettati

Huwa importanti li jiġu rrappurtati reazzjonijiet avversi suspettati wara l-awtorizzazzjoni tal-prodott mediċinali. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tal-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju tal-prodott mediċinali. Il-professjonisti dwar it-trattament tas-saħħa huma mitluba jirrapportaw kwalunkwe reazzjoni avversa suspettata permezz **tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali imniżżla f'Appendiċi V**.

4.9 Doża eċċessiva

Sintomi

Il-ġbid man-nifs jew l-għoti mill-ħalq ta' dożi eċċessivi ta' kortikosteroidi jista' jwassal għas-soppressjoni tal-funzjoni tal-assi HPA.

Immaniġġjar

Minħabba li l-biodisponibbiltà sistemika tal-Isprej tal-Imnieħer NASONEX hija $< 1\%$, doża eċċessiva mhijiex probabbli li tkun teħtieġ xi terapija ħlief osservazzjoni, segwita minn bidu tad-dożaġġ xieraq

ordnat.

5. PROPRJETAJIET FARMAKOLOĠIĊI

5.1 Proprjetajiet farmakodinamiċi

Kategorija farmakoterapewtika: Dekonġestjonanti u Preparazzjonijiet oħra tal-Imnieħer għall-Użu Topiku – Kortikosteroidi, Kodiċi ATC: R01A D09

Mekkaniżmu ta' azzjoni

Mometasone furoate huwa glukokortikosteroid topiku bi proprjetajiet anti-infjammatorji lokali f' dożi li mhumiex attivi b'mod sistemiku.

X'aktarx li ħafna mill-mekkaniżmu tal-effetti antiallerġiċi u antiinfjammatorji ta' mometasone furoate qiegħed fil-ħila tiegħu li jinibixxi r-rilaxx ta' medjaturi ta' reazzjonijiet allerġiċi. Mometasone furoate jinibixxi b'mod sinifikanti r-rilaxx ta' lewkotrajins minn lewkoċiti ta' pazjenti allerġiċi. F'kultura ta' ċelluli, mometasone furoate wera qawwa kbira fl-inibizzjoni tas-sintesi u r-rilaxx ta' IL-1, IL-5, IL-6 u TNF α ; huwa wkoll inibitur qawwi tal-produzzjoni ta' lewkotrajin. Barra dan, huwa inibitur potenti b'mod esterm tal-produzzjoni taċ-ċitokini Th2, IL-4 u IL-5, miċ-ċelluli T CD4+ tal-bniedem.

Effetti farmakodinamiċi

Fi studji li użaw għoti ta' antiġen tal-imnieħer, l-Isprej tal-Imnieħer NASONEX wera attività antiinfjammatorja kemm fir-risponsi għall-allerġija fil-fażi bikrija kif ukoll fil-fażi mdewma. Dan intwera permezz ta' tnaqqis (vs plaċebo) fl-attività tal-istamina u l-eosinofili u tnaqqis (vs il-linja bażi) fl-eosinofili, fin-newtrofili u fil-proteini ta' adeżjoni taċ-ċelluli tal-epitelju.

Fi 28% tal-pazjenti b'rinite allerġika tal-istaġun, l-Isprej tal-Imnieħer NASONEX wera bidu ta' azzjoni sinifikanti b'mod kliniku fi żmien 12-il siegħa wara l-ewwel doża. Il-medjan (50%) ta' żmien għall-bidu ta' serħan mis-sintomi kien 35.9 sigħat.

Popolazzjoni pedjatrika

Fi prova klinika kkontrollata bi plaċebo li fiha pazjenti pedjatriċi (n=49/grupp) ingħataw 100 mikrogramma tal-Isprej tal-Imnieħer NASONEX kuljum għal sena, ma kien osservat l-ebda tnaqqis fil-veloċità tal-iżvilupp fiżiku.

Hemm disponibbli dejta limitata fuq is-sigurtà u l-effikaċja tal-Isprej tal-Imnieħer NASONEX fil-popolazzjoni pedjatrika mill-età ta' 3 sa 5 snin, u firxa ta' dożaġġ xieraq ma tistax tiġi determinata. Fi studju li kien jinvolvi 48 tifel u tifla b'etajiet minn 3 sa 5 snin ittrattati b'50, 100 jew 200 μ g/kuljum mometasone furoate għol-imnieħer għal 14-il jum, ma kien hemm l-ebda differenzi sinifikanti mill-plaċebo fil-medja ta' bidla tal-livell ta' kortisol fil-plażma b'rispons għat-test ta' stimolazzjoni b'tetracosactrin.

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini irrinunzjat għall-obbligu li jiġu ppreżentati r-riżultati tal-istudji dwar L-Isprej tal-Imnieħer NASONEX u ismijiet assoċjati f'kull sett tal-popolazzjoni pedjatrika fir-rinite allerġika tal-istaġun u rinite ta' matul is-sena kollha (ara sezzjoni 4.2 għal informazzjoni dwar l-użu pedjatriku)

5.2 Tagħrif farmakokinetiku

Assorbiment

Mometasone furoate, mogħti bħala sprej akweju tal-imnieħer, għandu bijodisponibbiltà sistemika ta' <1% fil-plażma, bl-użu ta' assaġġ sensitiv bil-limitu l-aktar baxx ta' kwantitazzjoni ta' 0.25 pg/ml.

Distribuzzjoni

Ma tapplikax minħabba li mometasone ma jiġix assorbit tajjeb mir-rotta tal-imnieħer.

Bijottransformazzjoni

L-ammont żgħir li jista' jinbela' u jiġi assorbit jgħaddi minn metaboliżmu *first-pass* estensiv fil-fwied.

Eliminazzjoni

Mometasone furoate li jiġi assorbit jiġi mmetabolizzat b'mod estensiv u l-metaboliti jitneħħew mal-awrina u mal-bajl.

5.3 Tagħrif ta' qabel l-użu kliniku dwar is-sigurtà

Ma intwerew l-ebda effetti tossikoloġiċi uniċi għal esponiment għal mometasone furoate. L-effetti kollha osservati huma tipiċi għal din il-klassi ta' komposti u huma marbuta ma' effetti farmakoloġiċi esaġerati ta' glukokortikoidi.

Studji ta' qabel l-istudji kliniċi urew li mometasone furoate m'għandux attività androġenika, antiandroġenika, estroġenika, jew antiestroġenika iżda, bħal glukokortikoidi oħra, huwa juri xi attività antiuterotrofika u jdewwem il-ftuħ tal-vaġina f'mudelli ta' annimali b'dożi għoljin ta' 56 mg/kg/jum u 280 mg/kg/jum mill-ħalq.

Bħal fil-każ ta' glukokortikoidi oħra, mometasone furoate wera potenzjal klastoġeniku in-vitro f'konċentrazzjonijiet qawwija. Madankollu, mhumix mistennija effetti ta' tibdil fil-ġeni b'dożi rilevanti b'mod terapewtiku.

Fi studji ta' funzjoni riproduttiva, mometasone furoate mogħti taħt il-ġilda, bid-doża ta'

15-il mikrogramma/kg tawwal it-tqala u seħħ ħlas imdewwem u diffiċli bi tnaqqis fis-sopravivenza tal-frieħ u fil-piż tal-ġisem jew fiż-żieda fil-piż tal-ġisem. Ma kien hemm l-ebda effett fuq il-fertilità.

Bħal glukokortikoidi oħra, mometasone furoate jikkawża ħsara fl-embriju fl-annimali gerriema u fil-fniek. Effetti nnutati kienu ernja taż-żokra fil-firien, *cleft palate* fil-ġrieden u nuqqas ta' żvilupp tal-marrara, ernja taż-żokra, u saqajn ta' quddiem mġhawġa fil-fniek. Kien hemm ukoll tnaqqis fiż-żieda fil-piż tal-ġisem tal-omm, effetti fuq l-iżvilupp fiżiku tal-fetu (piż tal-ġisem tal-fetu aktar baxx u/jew dewmien fl-ossifikazzjoni) fil-firien, fil-fniek u fil-ġrieden u tnaqqis fis-sopravivenza tal-frieħ fil-ġrieden.

Il-possibbiltà li mometasone furoate li jinġibed man-nifs (*aerosol* b'gass ikkompresat CFC u *surfactant*) jikkawża kanċer fil-konċentrazzjonijiet ta' 0.25 sa 2.0 mikrogramma/l ġiet investigata fi studji ta' 24 xahar fil-ġrieden u l-firien. Ġew osservati effetti tipiċi marbuta mal-glukokortikoidi, fosthom diversi leżjonijiet li ma kinux neoplastiċi. Ma ġiet innutata l-ebda relazzjoni sinifikanti b'mod statistiku bejn id-doża u r-rispons għal kwalunkwe wieħed mit-tipi ta' tumuri.

6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

6.1 Lista ta' eċċipjenti

Cellulose li jixtered (microcrystalline cellulose u carmellose sodium)

Glycerol

Sodium citrate

Citric acid monohydrate

Polysorbate 80

Benzalkonium chloride

Ilma ppurifikat

6.2 Inkompatibilitajiet

Mhux applikabbli

6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

6.4 Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

6.5 In-natura tal-kontenitur u ta' dak li hemm ġo fih

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

6.6 Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu meta jintrema u għal immaniġġar ieħor

Kull fdal tal-prodott mediċinali li ma jkunx intuża jew skart li jibqa' wara l-użu tal-prodott għandu jintrema kif jitolbu l-lijijiet lokali.

7. ID-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

[Ara Anness I- Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI/TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

10. DATA TA' REVIŻJONI TAT-TEST

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

TIKKETTAR

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

KARTUNA NASONEX 50 µg/attwazzjoni 60 u 140 attwazzjoni

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

[Ara Anness I- Biex timtela mill-pajjiż partikolari]
mometasone furoate

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Kull attwazzjoni mkeġla tagħti 50 µg mometasone furoate.

3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

Fih ukoll: cellulose li jinxtred, glycerol, sodium citrate, citric acid monohydrate, polysorbate 80, benzalkonium chloride, ilma ppurifikat.
Ara l-fuljett ta' tagħrif għal aktar informazzjoni.

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Suspensjoni ta' Sprej għall-Imnieħer
60 attwazzjoni
140 attwazzjoni

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Biex jintuża fl-imnieħer. Ħawwad bil-mod qabel l-użu.
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

Ittaqqabx l-applikatur tal-imnieħer



8. DATA TA' SKADENZA

JIS

9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

[Ara Anness I- Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

{Isem u indirizz}

<{telefon}>

<{fax}>

<{e-mail}>

12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

13. NUMRU TAL-LOTT

Lott

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

Ipprajmja billi tippompja 10 darbiet qabel tużah l-ewwel darba, jew darbtejn jekk ma jkunx intuża għal 14-il jum jew aktar sakemm jōhroġ raxx irqiq ħafna ta' likwidu.

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

Nasonex 50 µg sprej tal-imnieħer

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT LI JMISS MAL-PRODOTT

TIKKETTA NASONEX 50 µg/attwazzjoni 60 u 140 attwazzjoni

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

[Ara Anness I- Biex timtela mill-pajjiż partikolari]
mometasone furoate

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Kull attwazzjoni mkejla tagħti 50 µg mometasone furoate.

3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

Fih benzalkonium chloride

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Suspensjoni ta' Sprej għall-Imnieħer
60 attwazzjoni
140 attwazzjoni

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Biex jintuża fl-imnieħer. Ħawwad bil-mod qabel l-użu.
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

8. DATA TA' SKADENZA

JIS

9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

[Ara Anness I- Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

{Isem u indirizz}

<{telefon}>

<{fax}>

<{e-mail}>

12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

13. NUMRU TAL-LOTT

Lott

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

Data meta nfetaħ:

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

FULJETT TA' TAGĦRIF

Fuljett ta' tagħrif: Informazzjoni għall-utent

Nasonex u ismijiet assoċjati qawwa għamla farmaċewtika

[Ara Anness I- Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

Mometasone Furoate

Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tuża din il-mediċina peress li fih informazzjoni importanti għalik.

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.
- Din il-mediċina ġiet mogħtija lilek. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anki jekk ikollhom l-istess sinjali ta' mard bħal tiegħek.
- Jekk ikollok xi effett sekondarju kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek. Dan jinkludi xi effetti sekondarju possibbli li mhux elenkat f'dan il-fuljett. Ara sezzjoni 4.

F'dan il-fuljett:

1. X'inhu Nasonex u għalxiex jintuża
2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża Nasonex
3. Kif għandek tuża Nasonex
4. Effetti sekondarji possibbli
5. Kif taħżen Nasonex
6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

1. X'inhu Nasonex u għalxiex jintuża

X'inhu Nasonex?

L-Isprej tal-Imnieħer NASONEX fih mometasone furoate, wieħed minn grupp ta' mediċini msejja kortikosteroidi. Meta mometasone furoate jiġi sprejja fl-imnieħer, huwa jista' jgħin biex itaffi l-infjammazzjoni (nefħa u irritazzjoni fl-imnieħer) għatis, ħakk u mnier misdud jew inixxi.

Għalxiex jintuża Nasonex?

Hay fever u rinite ta' matul is-sena kollha

Nasonex jintuża biex jitratta s-sintomi tal-*hay fever* (imsejja ukoll rinite allerġika tal-istaġun) u rinite ta' matul is-sena kollha fl-adulti u fit-tfal li għandhom 3 snin u aktar.

Hayfever, li jseħħ f'ċerti żminijiet tas-sena, huwa reazzjoni allerġika kkawżata mit-teħid man-nifs tal-polline minn siġar, ħaxix, ħaxix ħażin u wkoll moffa u spori tal-fungu. Rinite ta' matul is-sena kollha sseħħ is-sena kollha u s-sintomi jistgħu jiġu kkawżati minn sensitività għal varjetà ta' oġġetti fosthom *house dust mite*, suf tal-annimali (jew qxur tal-ġilda tal-annimali), rix u ċertu ikel. Nasonex inaqqas in-nefħa u l-irritazzjoni f'imnieħrek u b'hekk itaffi l-għatis, il-ħakk u mnier misdud jew inixxi kkawżat minn *hay fever* jew rinite ta' matul is-sena kollha.

Polipi fl-Imnieħer

Nasonex jintuża biex jitratta polipi fl-imnieħer f'adulti li għandhom 18-il sena u aktar.

Polipi fl-imnieħer (qarnit) huma tkabbir żgħir fuq l-inforra tal-imnieħer u s-soltu jaffettwaw iż-żewġ innifsejn. Nasonex inaqqas l-infjammazzjoni fl-imnieħer u jikkawża n-nixfa bil-mod il-mod tal-polipi, b'hekk itaffi s-sensazzjoni ta' mnier imblukkat li jista' jaffettwa t-teħid tan-nifs mill-imnieħer.

2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża Nasonex

Tużax Nasonex

- jekk inti allerġiku/a (tbat minn sensitività eċċessiva) għal mometasone furoate jew għal xi sustanza oħra ta' din il-mediċina (elenkati fis-sezzjoni 6).

- jekk inti għandek infezzjoni mhix ittrattata f'imnieħrek. L-użu ta' Nasonex waqt infezzjoni mhix ittrattata f'imnieħrek, bħal ma hija l-herpes, jista' jagħmel l-infezzjoni agħar. Inti għandek tistenna sakemm l-infezzjoni tfiq qabel ma' tibda tuża l-isprej tal-imnieħer.
- jekk dan l-aħħar għamilt operazzjoni f'imnieħrek jew jekk weġġajt imnieħrek. Inti m'għandekx tuża l-isprej tal-imnieħer qabel imnieħrek ifieq.

Twissijiet u prekawżjonijiet

Kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek qabel tuża Nasonex

- jekk inti għandek jew qatt kellek it-tuberkulożi.
- jekk inti għandek kwalunkwe infezzjoni oħra.
- jekk inti qed tieħu mediċini kortikosteroidi oħra, kemm mill-ħalq kif ukoll permezz ta' injezzjoni.
- jekk inti għandek fibrożi ċistika.

Waqt li tkun qed tuża Nasonex, kellem lit-tabib tiegħek

- jekk is-sistema immuni tiegħek ma tkunx qed taħdem sewwa (jekk għandek problema biex tiġġieled infezzjoni) u inti tiġi f'kontatt ma' xi ħadd bil-ħosba jew bil-ġidri r-riħ. Inti għandek tevita li tiġi f'kontatt ma' xi ħadd li għandu dawn l-infezzjonijiet.
- jekk inti għandek infezzjoni tal-imnieħer jew tal-gerżuma.
- jekk inti qed tuża l-mediċina għal diversi xhur jew iktar.
- jekk inti għandek irritazzjoni persisenti fl-imnieħer jew fil-gerżuma.

Meta l-isprejs tal-imnieħer li huma kortikosteroidi jintużaw b'dożi qawwija għal perjodi twal ta' żmien, jistgħu jsejnhu effetti sekondarji minħabba li l-mediċina tiġi assorbita għol-ġisem.

Jekk għajnejk qed jikluk jew huma irritati, it-tbib tiegħek jista' jirrakkomanda li inti tuża kuri oħra ma' Nasonex.

Tfal

Meta jintużaw b'dożi qawwija għal perjodi twal ta' żmien, l-isprejs tal-imnieħer li huma kortikosteroidi jistgħu jikkawżaw ċerti effetti sekondarji, bħal rata ta' żvilupp fiżiku aktar bil-mod fit-tfal.

Huwa rrakkomandat li t-tul tat-tfal li jirċievu trattament b'kortikosteroidi mill-imnieħer għal perjodu twil ta' żmien jiġi mmonitorjat b'mod regolari u jekk jiġi innutati xi bidliet, it-tabib tagħhom għandu jiġi nnotifikat.

Mediċini oħra u Nasonex

Għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tieħu, ħadt dan l-aħħar jew tista' tieħu xi mediċina oħra.

Jekk inti qed tieħu mediċini kortikosteroidi oħra għall-allerġija, kemm mill-ħalq kif ukoll permezz ta' injezzjoni, it-tabib tiegħek jista' jagħtik parir tieqaf teħodhom ladarba tibda tuża Nasonex. Xi ftit nies isibu li ladarba jwaqqfu l-kortikosteroidi mill-ħalq jew b'injezzjoni isofru minn xi effetti mhux mixtieqa, bħal uġiġ fil-ġogi jew fil-muskoli, dgħufija u depressjoni. Jista' jkun li inti tkun tidher li qed jaqbdok allerġiji oħra, bħal għajnejn jikluk u jdemmgħu jew irqajja' ħmor u jikluk fil-ġilda. Jekk tiżviluppa xi wieħed minn dawn l-effetti sekondarji, inti għandek tikkuntattja lit-tabib tiegħek.

Tqala u treddigħ

M'hemmx informazzjoni jew ftit li xejn hemm informazzjoni dwar l-użu ta' Nasonex f'nisa tqal. Mhux magħruf jekk mometasone furoate jinsabx fil-ħalib tas-sider.

Jekk inti tqila jew qed tredda', taħseb li tista tkun tqila jew qed tippjana li jkollok tarbija, itlob il-parir tat-tabib jew tal-ispiżjar tiegħek qabel tieħu din il-mediċina.

Sewqan u tħaddim ta' magni

Ma hemm l-ebda informazzjoni magħrufa dwar l-effett ta' Nasonex fuq il-ħila biex ssuq jew tħaddem magni.

Nasonex fih benzalkonium chloride

Nasonex fih benzalkonium chloride li jista' jikkawża irritazzjoni fl-imnieħer.

3. Kif għandek tuża Nasonex

Dejjem għandek tuża Nasonex skont il-parir eżatt tat-tabib. Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib jew mal-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju. Tużax doża ikbar u tużax l-isprej aktar drabi jew għal tul ta' żmien aktar minn dak li qallek it-tabib tiegħek.

Trattament ta' Hayfever u Rinite ta' Matul is-Sena Kollha

Użu fl-adulti u fit-tfal li għandhom aktar minn 12-il sena

Id-doża tas-soltu hija żewġ sprejjaturi f'kull minfes darba kuljum.

- Ladarba s-sintomi tieghek jigu kkontrollati, it-tabib tieghek jista' jaghtik parir tnaqqas id-doża.
- Jekk inti ma tibdiex tħossok aħjar, inti għandek tara lit-tabib tiegħek u huwa jew hija jistgħu jgħidulek iżżid id-doża; id-doża massima ta' kuljum hija erba' sprejjaturi f'kull minfes darba kuljum.

Użu fi tfal li għandhom minn 3snin sa 11-il sena

Id-doża tas-soltu hija sprejjatura waħda f'kull minfes darba kuljum.

Jekk inti jew ibnek/bintek issofru ħafna mill-*hay fever*, it-tabib tagħkom jista' jgħidilkom biex tibdew tużaw Nasonex qabel il-bidu tal-istaġun tal-polline, minħabba li dan jista' jilqa' kontra l-okkorrenza tas-sintomi tal-*hayfever*. Fi tmiem l-istaġun tal-polline is-sintomi tal-*hayfever* tiegħek għandhom imorru għall-aħjar u jista' jkun li imbagħad it-trattament ma jkunx meħtieġ.

Polipi fl-Imnieħer

Użu fl-adulti li għandhom aktar minn 18-il sena

Id-doża tal-bidu s-soltu hija żewġ sprejjaturi f'kull minfes darba kuljum.

- Jekk is-sintomi ma jgħux ikkontrollati wara 5 sa 6 ġimgħat, id-doża tista' tiżdied għal żewġ sprejjaturi f'kull minfes darbtejn kuljum. Ladarba s-sintomi jkun kkontrollati, it-tabib tiegħek jista' jagħtik parir biex tnaqqas id-doża.
- Jekk ma jkun hemm l-ebda titjib fis-sintomi wara 5 sa 6 ġimgħat ta' għoti darbtejn kuljum, inti għandek tikkuntattja lit-tabib tiegħek.

Tħejjija tal-isprej tal-imnieħer għall-użu

L-Isprej tal-Imnieħer NASONEX tiegħek għandu għatu għat-trab li jipproteġi ż-żennuna u jżommha nadifa. Ftakar neħħiha qabel tuża l-isprej u erga' poġġiha lura wara li tużah.

Jekk inti qed tuża l-isprej għall-ewwel darba inti għandek bżonn 'tipprajmja' l-flixkun billi tippompja 10 darbiet sakemm joħroġ raxx irqiq ħafna ta' likwidu:

1. Ħawwad il-flixkun bil-mod.
2. Poġġi l-verrej u s-saba' tan-nofs wieħed fuq kull naħa taż-żennuna u l-behem taħt il-flixkun. **Ittaqqabx** l-applikatur ta' ġol-imnieħer.

3. Immira ż-żennuna 'l bogħod minnek imbagħad agħfas 'l isfel b' subgħajk biex tippompja l-isprej 10 darbiet sakemm joħroġ raxx irqiq ħafna ta' likwidu.
Jekk inti m'użajt x l-isprej għal 14-il jum jew aktar, inti jkollok bżonn "tipprajmja mill-ġdid" il-flixxkun billi tippompja l-isprej darbtejn sakemm joħroġ raxx irqiq ħafna ta' likwidu.

Kif għandek tuża l-isprej tal-immieher

1. Ħawwad il-flixxkun bil-mod u neħħi l-għatu għat-trab. (Figura 1)
2. Bil-mod issoffja mnieħrek.
3. Agħlaq minfes wieħed u poġġi ż-żennuna fil-minfes l-ieħor kif jidher fl-istampa. (Figura 2)
Mejjel rasek kemxejn 'il quddiem, filwaqt li żżomm il-flixxkun wieqaf.
4. Ibda hu n-nifs bil-mod minn imnieħrek u filwaqt li tkun qed tieħu n-nifs 'il ġewwa sprejja r-raxx irqiq ta' likwidu ġo mnieħrek billi tagħfas DARBA 'l isfel b' subgħajk.
Neħħi n-nifs 'l barra minn ħalqek. Irrepeti pass numru 4 biex tiġbed it-tieni sprejjatura man-nifs jekk dan japplika.
5. Irrepeti l-passi minn 3 sa 6 għall-minfes l-ieħor (Figura 3).



Wara li tuża l-isprej, imsaħ iż-żennuna b' attenzjoni b' maktur jew tixu nadifa u qiegħed lura l-għatu għat-trab.

Kif tnaddaf l-isprej tal-immieher

- Huwa importanti li inti tnaddaf l-isprej tal-immieher tiegħek b' mod regolari, inkella jista' ma jaħdimx sewwa.
- Neħħi l-għatu għat-trab u bil-mod iġbed iż-żennuna 'l barra.
- Aħsel iż-żennuna u l-għatu għat-trab fl-ilma fietel imbagħad laħlaħha taħt il-vit.
- **Tippruvax tiftaħ it-toqba tal-applikatur tal-immieher billi ddaħħal fiha labra jew xi ħaġa oħra bil-ponta minħabba li dan jista' jagħmel ħsara lill-applikatur u jġiegħlek ma tiħux id-doża t-tajba tal-mediċina.**
- Ħalli l-għatu għat-trab u ż-żennuna jinxfu f' post xott u šun.
- Imbotta ż-żennuna lura ġol-flixxkun u qiegħed lura l-għatu għat-trab.
- L-isprej se jkollu bżonn jiġi pprajmjat mill-ġdid b' żewġ sprejjaturi meta jintuża għall-ewwel darba wara li jitnaddaf.

Jekk tuża Nasonex aktar milli suppost

Għid lit-tabib tiegħek jekk bi żball tuża aktar minn kif qalulek.

Jekk inti tuża l-isterojds għal tul ta' żmien jew f' ammonti kbar huma jistgħu, b' mod rari, jaffettwaw xi wħud mill-ormoni tiegħek. Fit-tfal dan jista' jaffettwa t-tul u l-iżvilupp.

Jekk tinsa tuża Nasonex

Jekk tinsa tuża l-isprej tal-immieher fil-ħin li suppost, użah malli tiftakar, imbagħad kompli bħal qabel. M'għandekx tieħu doża doppja biex tpatti għad-doża li tkun insejt tieħu.

Jekk tiegaf tuża Nasonex

F'xi pazjenti Nasonex jista' jibda jtaffi s-sintomi 12-il siegħa wara l-ewwel doża; madankollu l-benefiċċju sħiħ tat-trattament jista' ma jibdiex jidher sa jumejn. Huwa importanti ħafna li inti tuża l-isprej tal-immieher b'mod regolari. Twaqqafx it-trattament tiegħek anke jekk inti tħossok aħjar sakemm ma jgħidlekx tagħmel dan it-tabib tiegħek.

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' dan il-prodott, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

4. Effetti sekondarji possibbli

Bħal kull mediċina oħra, din il-mediċina tista' tikkawża effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux f'kulħadd. Reazzjonijiet ta' sensitività eċċessiva (allerġiċi) immedjati jistgħu jseħħu wara l-użu ta' dan il-prodott. Dawn ir-reazzjonijiet jistgħu jkunu qawwija. Inti għandek tiegaf tieħu Nasonex u tieħu għanjnuna medika immedjatament jekk inti jkollok sintomi bħal:

- wiċċ, ilsien jew farinġi minfuħa
- problema biex tibra'
- ħorriqija
- tħarħir jew tbatì biex tieħu n-nifs

Meta sprejs tal-immieher li huma kortikosteroidi jintużaw b'dożi qawwija għal perjodi twal ta' żmien, jistgħu jseħħu effetti sekondarji minħabba li l-mediċina tiġi assorbita għol-ġisem.

Effetti sekondarji oħra

Il-biċċa l-kbira tal-persuni ma jkollhom l-ebda problemi wara li jużaw l-isprej tal-immieher. Madankollu, xi persuni, wara li jużaw Nasonex jew xi sprej ieħor tal-immieher li fih kortikosteroidi, jistgħu jindunaw li qed isofru minn:

Effetti sekondarji komuni (jistgħu jaffettwaw sa persuna waħda minn kull 10):

- uġiġħ ta' ras
- għatis
- f'għir l-immieher [seħħ b'mod komuni ħafna (jistgħu jaffettwaw aktar minn persuna waħda minn kull 10) f'persuni b'polipi fl-immieher li kienu qed jirċievu żewġ sprejjaturi Nasonex f'kull minfes darbtejn kuljum]
- immieher jew griżmejn juġġu
- ulċeri fl-immieher
- infezzjoni fil-passaġġ tan-nifs

Mhux magħruf (il-frekwenza ma tistax tiġi stmata mid-dejta disponibbli):

- żieda fil-pressurejoni fl-għajnejn (glawkoma) u/jew katarretti li jikkawżaw disturbi fil-vista,
- ħsara lill-parti tan-nofs tal-immieher li taqsam l-innifsejn
- bidla fit-togħma u fix-xamm
- diffikultà biex tieħu n-nifs u/jew tisfir fis-sider

Rappurtar tal-effetti sekondarji

Jekk ikollok xi effett sekondarju, kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett.

Tista' wkoll tirrapporta effetti sekondarji direttament permezz **tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali inniżżla f'Appendiċi V**. Billi tirrapporta l-effetti sekondarji tista' tgħin biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni dwar is-sigurtà ta' din il-mediċina.

5. Kif taħżen Nasonex

- [Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

- Żomm din il-mediċina fejn ma tidhirx u ma tintlaħaqx mit-tfal.
- Tużax din il-mediċina wara d-data ta' meta tiskadi li tidher fuq il-flixxun u l-kartuna wara J IS. Id-data ta' meta tiskadi tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.

Tarmix mediċini mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għadekx tuża. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

X'fih Nasonex

- Is-sustanza attiva hi mometasone furoate. Kull sprejjatura fiha 50 mikrogramma ta' mometasone furoate, bħala l-monohydrate.
- Is-sustanzi l-oħra huma cellulose li jixtered, glycerol, sodium citrate, citric acid monohydrate, polysorbate 80, benzalkonium chloride, ilma ppurifikat.

Kif jidher Nasonex u l-kontenut tal-pakkett

Nasonex huwa suspensjoni ta' sprej għall-immieher.
[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq u l-Manifattur

[Ara Anness I- Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

Dan il-prodott mediċinali huwa awtorizzat fl-istati membri tal-EEA b'dawn l-ismijiet:

[Ara Anness I- Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

Dan il-fuljett kien rivedut l-aħħar f'

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]